

# il-hajja ta' kristu gesu'

**9**

**JAHRABU LEJN L-EGITTU**

**Mattew 2:13-23, Luqa 2:...39,40**



Meta telqu l-ghorrief, deher l-anglu tal-Mulej f'holma lil Guzeppi u qallu: "Qum u hu mieghek lit-tifel u 'l ommu u ahrab lejn l-Egittu. Ibqa' hemm sa ma nghidlek, ghax Erodi ser ifittex lit-tifel biex joqtlu."

Guzeppi qam u ha mieghu lit-tifel u 'l ommu billejl u telaq lejn l-Egittu u baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi biex hekk isehh dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: *"Mill-Egittu sejjaht lil Ibni".*

Erodi mbaghad meta ra l-magi kienu dahqu bih, nkorla bis-shih u baghat joqtol lit-tfal subien kollha ta' minn sentejn 'l isfel skond iz-zmien li sar jaf minghand il-magi. Mbaghad sehh dak li kien inghad permezz tal-profeta Geremija, meta qal: "F'Rama nstama lehen, biki u lfiq kbir; Rakel tikbi lil uliedha u ma trid min ifarragha, ghax ma ghandhomx izjed."

Meta miet Erodi deher l-anglu tal-Mulej f'holma lil Guzeppi fl-Egittu u qallu:
"Qum, hu mieghek lit-tifel u 'l ommu u erga' lura lejn l-art ta' Izrael, ghax mietu dawk li kienu jfittxu l-hajja tat-tifel."

U Guzeppi qam, u ha mieghu lit-tifel u 'l ommu u mar fl-art ta' Izrael. Imma billi sema' li fl-art tal-Lhudija kien qed isaltan Arkelaws flok Erodi missieru beza' jmur hemm. Fuq twissija li kellu fil-holm, telaq lejn l-inhawi tal-Galilija u mar joqghod f'belt jisimha Nazaret biex b'hekk isehh dak li kien inghad permezz tal-profeti: *"Ikun msejjah Nazri."*

U hekk Gesu' baqa' jikber fl-gherf, fis-snin u fil-grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

## RIFLESSJONI

META L-BNIEDEM JILMAH IT-TENTAZZJONI GHANDU JAHRAB DEJJEM U FIL-BOGHOD. MIN JILGHAB MAT-TENTAZZJONI JAQA'. JIRBAH IT-TENTAZZJONI MIN JITLOB LIL ALLA BIEX JAGHTIH IL-GRAZZJA HALLI JIBQA' FIDIL LEJH. IT-TARBIJA GESU' SALVAT GHAX GUZEPPI HARAB MIT-TIGRIB MILL-EWWEL U MAR 'L BOGHOD KIF AMARLU L-MULEJ.